# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

**SEDUTA TAT- 28 T'APRIL, 2022**

**Kawża Numru: 6K**

**Rik. Kost. 151/2019 RGM**

**Patrick Spiteri**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**
**u**
**Sylvana Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors kostituzzjonali ta' Patrick Spiteri** ippreżentat fit-22 t'Awwissu, 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-esponent kien iżżewweġ lil Sylvana Spiteri nhar it-3 ta' Diċembru 1997 u dwar dan iz-zwieg kienu infethu proċeduri li fihom l-esponent talab in-nullita' tal-istess żwieġ;

Illi dawn il-proceduri jġibu l-isem *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri*, kawża numru 55/09;

Illi l-esponenti kien talab in-nullita' tal-imsemmi żwieġ, fost l-ohrajn, in bażi ta' bigamija da parti ta' martu Sylvana Spiteri peress li din kienet diga' marbuta bi żwieġ iehor preċedenti fl-esteru;

Illi b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 [**Dok.A**] il-Qorti tal-Appell komposta mill-Onorevoli Imhallfin Silvio Camilleri, Albert J. Magri u Tonio Mallia fil-kawza msemmija ddecidiet li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponent u Sylvana Spiteri ma setax jiġi dikjarat null fuq bigamija billi l-mara kienet, sussegwentement ghat-tieni żwieġ, ġabet divorzju mill-ewwel żwieġ;

Illi l-esponent intavola rikors li permezz tieghu talab ir-ritrattazzjoni tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell;

Illi r-rikors ta' ritrattazzjoni gie appuntat quddiem il-Qorti tal-Appell li fil-kompozizzjoni taghha kienet tinkludi tnejn mill-Imhallfin li kienu taw is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 msemmija, u cioe' l-Onorevoli Imhallfin Silvio Camilleri u Tonio Mallia;

Illi l-esponent kien ukoll talab ir-rikuza tal-imsemmija zewg imhallfin billi dawn kienu ddecidew il-kaz u issa kienu mitlubin jaraw jekk kienx hemm bażi ghar-ritrattazzjoni jew inkella le;

Illi b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2012 [**Dok.B**] il-Qorti tal-Appell li fil-kompozizzjoni taghha kienet tinkludi l-imsemmija zewg imhallfin cahdet l-eccezzjoni ta' rikuza;

Illi b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 [**Dok.C**] il-Qorti tal-Appell li fil-kompozizzjoni taghha kienet tinkludi l-imsemmija zewg imhallfin ddecidiet billi cahdet it-talba tal-esponent ghar-ritrattazzjoni;

Illi l-fatt li t-talba ghar-ritrattazzjoni ġiet quddiem l-istess Qorti li fil-kompozizzjoni taghha kellha tnejn minn tliet imhallfin li kienu ddecidew il-kawza li taghha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jivvjola d-dritt tal-esponent ghal smiegh xieraq stante li tali procedura ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluż billi ma toffrix il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita' li huma tant essenzjali ghall-principju ta' *fair trial*;

Illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem diga' kellha l-opportunita' li tqis ċirkostanza simili fil-kaz *San Leonard Band Club vs Malta* (deciz fid-29 ta' Lulju 2004) fejn sabet illi l-fatt li t-talba ghar-ritrattazzjoni ġiet assenjata lill-istess Qorti komposta identikament kif kienet il-Qorti li tat is-sentenza li taghha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-parti ghal smiegh xieraq;

Illi ghalhekk l-esponent qieghed jipproċedi b'din il-kawza, u bhala rimedju l-esponent jidhirlu li primarjament ir-rimedju ghandu jkun li jithassru s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 55/09 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013 sabiex hekk jintlahaq l-ghan ta' *restitutio in integrum*, u dan salv kwalsijasi rimedju ulterjuri li jista' jkun xieraq u opportun, inkluż kull kumpens li jista' jiġi likwidat favur l-esponent;

Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi bil-fatt li l-proceduri ta' ritrattazzjoni numru 55/09 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* instemghu mill-Qorti tal-Appell li fil-kompozizzjoni taghha kienet tinkludi tnejn mit-tliet Imhallfin li bis-sentenza precitata tal-25 ta' Novembru 2011 kienu ddecidew il-kawza li taghha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jikkostitwixxi ksur u vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Konsegwentement thassar u tirrexxindi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawza numru 55/09 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* u tibghat l-atti lir-Registratur biex jiġu assenjati lill-Qorti tal-Appell diversament komposta;

3. Taghti kull rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun sabiex tispurga l-vjolazzjoni msemmija, inkluż billi tillikwida kumpens favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-Avukat tal-Istat** ippreżentata fil-5 ta' Settembru, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi r-rikorrent qed jallega lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghaliex skont hu tnejn mill-Imhallfin li iddecidew (parzjalment) il-kawza ta` annullament kellhom jirrikuzaw ruhhom milli jisimghu u jiddeciedu talba li ghamel ir-rikorrent ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza ta` annullament.

2. Illi qabel mal-esponent jghaddi biex jilqa ghal-lanjanzi sollevati mir-rikorrent tajjeb li jigu elenkati brevement il-fatti li jsawru dan il-kaz. Gara li r-rikorrent fetah kawza civili kontra martu l-intimata Sylvana Spiteri sabiex jottjeni mill-Qorti l-annullament taz-zwieg liema proceduri huma *Dr. Patrick Spiteri vs. Sylvana Spiteri numru 55/09*. F`dik il-kawza r-rikorrent qajjem diversi kawzali li skont hu iwasslu ghal-annullament taz-zwieg fosthom dik ta` bigamija. Il-Qorti tal-Appell b`sentenza datata 25 ta` Novembru 2011 ddecidiet l-appell billi hasret id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u ddikjarat li z-zwieg ma hux null minhabba bigamija u baghtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tkompli tisma u tiddeciedi l-kawza fuq il-kawzali l-ohra li qajjem ir-rikorrent. Ir-rikorrent Patrick Spiteri ghamel rikors fejn talab ir-ritrattazzjoni ta` dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell. Fil-kawza ta` ritrattazzjoni, r-rikorrent talab li l-Onorevoli Imhallfin Silvio Camilleri u Tonio Mallia jirrikuzaw ruhhom galadarba huma

kienu ddecidew il-kaz tal-annullament fuq il-kawzali tal-bigamija. Il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba tar-rikuza b`provvediment datat 30 ta` Novembru 2012. Il-Qorti tal-Appell ddecidiet il-kwistjoni tar-ritrattazzjoni bis-sentenza tal-31 ta` Mejju 2013 fejn cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni.

3. Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda lok ghal rikuza skont id-disposizzjonijiet li jirregolaw ir-rikuza ta' gudikant fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili artikolu 733 et seq (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi l-artikolu 734 tal-Kap 12 jaghmilha cara liema huma dawk ic-cirkostanzi u sitwazzjonijiet meta l-eccezzjoni ta` rikuza ta` Imhallef tista tigi imqajjma. Jekk ma tezisti l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet mela allura Imhallef ma jistghax jirrikuza ruhu.

4. Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jagħtux id-dritt lill-parti li tagħżel il-ġudikant bħalma lanqas ma tagħtiha d-dritt li tbiddel il-ġudikant jekk dan ma jkunx jinżel wisq tajjeb magħha. Kuntrarjament dak li jeħtieġu dawn iż-żewġ artikli tal-liġi huwa li l-ġudikant ikun indipendenti u imparzjali. F'dan il-każ ma joħroġx mill-istqarrijiet tar-rikorrenti kif miġjuba fir-rikors kostituzzjonali li l-Onorevoli Imħallfin ma osservawx dawn iż-żewġ kwalifiki msemmija fil-liġi. Tabilħaqq ma jirriżultax li l-Onorevoli Imħallfin kienu b'xi mod ippreġudikati jew *biased* kontra xi parti fil-kawża ċivili, bħalma lanqas ma jirriżulta li huma mexxew il-kawża bi ksur tal-prinċipji li jsawwru s-smigħ xieraq. Huwa evidenti li l-partijiet kollha fil-kawża inghataw u qed jingħataw l-istess drittijiet ugwali kemm proċedurali u sostantivi.

5. Illi l-kuncett ta' imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawza: certament li tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita' tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali u li bhala gudikant hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex jigi assigurat s-smigh xieraq.

6. Fil-provediment tat-30 ta` Novembru 2012 il-Qorti tal-Appell fissret sew ghalfejn hi tal-opinjoni li l-Onorevoli Imhallfin Silvio Camilleri u Tonio Mallia m`ghandhomx jirrikuzaw ruhhom milli jiddeciedu t-talba ghar-ritrattazzjoni. F`dak il-provvediment il-Qorti ghamlitha cara li l-kwistjonijiet li kellha quddiema kienu separati u distinti minn xulxin ghaliex :

*Kif tajjeb osservat il-konvenuta, pero`, ghal fini ta' stharrig u decizjoni ta' din l-eccezzjoni preliminari ma sar ebda pronunzjament f'din il-kawza minn din il-Qorti. Il-meritu tas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 kien jekk iz-zwieg tal-kontendenti kienx null a bazi tal-Artikolu 6 tal-Att dwar iz-zwieg, filwaqt li l-meritu tal-eccezzjoni preliminari huwa jekk "ir-rimedju mitlub mir-ritrattand huwiex kontemplat mil-ligi". Il-meritu huwa kompletament divers, u jekk din il-Qorti, kif issa komposta, tqis u tiddeciedi din l-eccezzjoni, bl-ebda mod ma tkun qed tezamina l-operat taghha stess. Din il-Qorti tat sentenza dwar jekk iz-zwieg tal-kontendenti ux null jew le a bazi ta' kawzali wahda partikolari, u jekk issa jistax jew le ssir ritrattazzjoni mis-sentenza huwa meritu kompletament differenti. Huwa ovvju, fil-fehma tal-Qorti, illi l-meritu tas-sentenza moghtija fil-25 ta' Novembru 2011 huwa ghal kollox differenti minn dak tal-eccezzjoni preliminari, b'mod illi ma jistax jinghad illi l-imhallfin li qatghu s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 urew il-fehma taghhom "dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha", kif jghid u jrid l-Artikolu 734(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex imhallef jista' jigi rikuzat. L-imhallfin li dwarhom tressqet l-eccezzjoni b'ebda mod ma urew il-fehma taghhom dwar jekk is-sentenza tistax jew le, f'dan l-istadju, tigi ritrattata – il-kwistjoni li hija l-meritu tal-eccezzjoni preliminari. Ma hemm xejn ghalhekk li jzommhom milli jisimghu u jiddeciedu fuq din l-eccezzjoni (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-provvediment moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2012 fil-kawza Bugeja v. Il-Prim Ministru et).*

7. Illi l-esponent jaqbel perfettament ma` din id-decizjoni fis-sens li mertu li jirrigwarda jekk zwieg hux null minhabba bigamija u mertu iehor dwar jekk sentenza tistghax tigi ritrattata huma kompletament differenti minn xulxin u allura ma jezistux l-elementi imsemmija fl-artikolu 734(1)(d) tal-Kap 12 biex il-gudikant jirrikuza ruhu.

8. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

*9.* Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jigarantixxu process xieraq u smigh gjust. Certament li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma huma mittiefsa bic-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti. Ghalhekk m`hemm l-ebda lezjoni ta` dawn l-artikoli.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

11. Bl-ispejjez.

Rat ir-**risposta ta' Sylvana Spiteri** ippreżentata fit-22 t'Ottubru, 2019 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

**i)** Illi l-kawza numru 55/2009RGM fl-ismijiet "Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri" giet ikkancellata f' digriet mghoti fit-23 ta' Marzu 2017 ghaliex il-proceduri gew abbandunati mill-attur odjern. Dan il-fatt ghandu jwassal ghal tlett (3) konsiderazzjonijiet:

**a)** Illi t-tieni talba bl-implikazzjonijiet taghha tal-procediment fis-smiegh tal-imsemmija kawza ma hiex intellegibbli billi ebda kawza kancellata u dezerta skont il-ligi ma ghandhix tinghata hajja mill-gdid, partikolarment jekk id-dezerzjoni tkun gejja mill-abbandunament tal-proceduri mill-istess rikorrent;

**b)** Illi l-meritu tal-kawza ghadu sa issa mhux definittivament deciz u jista' ghalhekk jigi propost mill-gdid mir-rikorrent;

**c)** L-istat ma ghandhux ghalfejn jipprovdi rimedji kostituzzjonali lic-citadin illi jkun volontarjament abbanduna r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih jew jiddeklina jezercitah.

**ii)** L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikun a karigu tar-rikorrent.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2019 din il-Qorti diversament preseduta ordnat l-allegazzjoni tal-proċess 55/2009 RGM fl-ismijiet Dr. Patrick Spiteri vs. Sylvana Spiteri;

Rat illi fit-3 ta' Diċembru 2019 ukoll, il-Qorti diversament preseduta ordnat li ssir trattazzjoni dwar il-punti mqajma fir-rispota tal-intimata Sylvana Spiteri;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta (Rik Kost 151/2019GM) mogħtija fl-24 ta' Novembru 2020 fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent wara li trattat "il-punt jekk it-talbiet għat-tħassir tas-sentenza jew provvediment tar-rikuża u għat-tħassir tas-sentenza tar-ritrattazzjoni jistgħux isiru, tenut kont li l-kawża ġiet deżerta, billi f'każ ta' eżitu negattiv ma jkunx il-każ li jiġu trattati l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati."[1];

[1] Paġni 64 – 65 tal-proċess.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-17 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha laqgħet l-appell intavolat minn Patrick Spiteri dwar is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, ħassret dik is-sentenza u bgħatet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smiegħ.

Rat li l-kawża ġiet assenjata lill-qorti kif issa presjeduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fid-29 t'Ottubru 2021[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-2 ta' Diċembru 2021[3];

Rat illi l-intimata Sylvana Spiteri nonostante li inagħtalha terminu tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet hija naqset milli tagħmel dan;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti preċedenti għall-każ odjern**

Fis-6 ta' Lulju 1984 l-intimata Sylvana Spiteri iżżewġet lil ċertu Jon Edwards, liema żwieġ kien ġie debitament reġistrat f'Santa Barbara Count, California, fl-Istat Uniti. Fis-6 t'April 1989 l-istess Spiteri u Edwards ippreżentaw applikazzjoni sabiex jiksbu digriet ta' divorzju ġewwa l-Istat ta' Kalifornja. Din l-applikazzjoni iżda ma ġietx segwieta. Fit-3 ta' Diċembru 1997, Sylvana Spiteri ikkuntrattat iż-żwieġ mar-rikorrent Patrick Spiteri. Kien biss fid-19 ta' Diċembru 2002 li Sylvana Spiteri ottjeniet id-divorzju fl-Istat Uniti għaż-żwieġ tagħha ma' Jon Edwards, liema divorzju ingħata fuq talba tas-Sinjura Spiteri "*nunc pro tunc as of 1 of January 1992*" u dan stante li kienet reġgħet iżżewġet fis-sena 1997.

[2] Paġna 80 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 94 et seq tal-proċess.

B'rikors fis-16 ta' Frar 2009, Patrick Spiteri talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jiġi dikjarat li ż-żwieġ tiegħu ma' Sylvana Spiteri kien null u bla effett. Fil-premessi ta' dak ir-rikors huwa kien spjega li l-kunsens għaż-żwieġ kien inkiseb b'qerq u kien wieħed ivvizjat u jirreferri għall-Artikoli 19 (1) (ċ), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255. B'sentenza tat-30 ta' Marzu 2011, il-Qorti kienet laqgħet it-t-talba ta' Patrick Spiteri u ddikjarat null u bla effett iż-żwieġ ikkuntrattat fit-3 ta' Diċembru 1997. Sylvana Spiteri appellat minn dik is-sentenza u l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Novembru 2011 preseduta mill-Prim'Imħallef Silvio Camilleri, l-Imħallef Albert Magri u l-Imħallef Tonio Mallia laqgħet l-appell u peress li Patrick Spiteri kien ressaq diversi kawżali oħra li kienu għadhom ma ġewx ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti, l-atti ġew rinvjati lill-ewwel Qorti biex tikkundistra t-talba attriċi a bażi ta' dawk il-kawżali.

Ir-rikorrent ħassu aggravat minn dik is-sentenza u kien għalhekk li kien talab li ssir ritrattazzjoni ibbażata fuq l-Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12, applikazzjoni ħażina tal-liġi u fuq l-Artikolu 811 (l), is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. It-talba għar-ritrattazzjoni ġiet fost oħrajn quddiem il-Prim'Imħallef Silvio Camilleri u l-Imħallef Tonio Mallia. Kien għalhekk li Patrick Spiteri talab ir-rikuża ta' dawn iż-żewġ imħallfin. Bi provvediment tat-30 ta' Novembru 2012, it-talba ta' rikuża ġiet miċħuda. Il-motiv wara din id-deċżijoni kienet is-segwenti:

> "Kif tajjeb osservat il-konvenuta, pero`, ghal fini ta' stharrig u decizjoni ta' din l-eccezzjoni preliminari ma sar ebda pronunzjament f'din il-kawza minn din il-Qorti. Il-meritu tas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 kien jekk iz-zwieg tal-kontendenti kienx null a bazi tal-Artikolu 6 tal-Att dwar iz-zwieg, filwaqt li l-meritu tal-eccezzjoni preliminari huwa jekk "ir-rimedju mitlub mir-ritrattand huwiex kontemplat mil-ligi". Il-meritu huwa kompletament divers, u jekk din il-Qorti, kif issa komposta, tqis u tiddeciedi din l-eccezzjoni, bl-ebda mod ma tkun qed tezamina l-operat taghha stess. Din il-Qorti tat sentenza dwar jekk iz-zwieg tal-kontendenti hux null jew le a bazi ta' kawzali wahda partikolari, u jekk issa jistax jew le ssir ritrattazzjoni mis-sentenza huwa meritu kompletament differenti.

Huwa ovvju, fil-fehma tal-Qorti, illi l-meritu tas-sentenza moghtija fil-25 ta' Novembru 2011 huwa ghal kollox differenti minn dak tal-eccezzjoni preliminari, b'mod illi ma jistax jinghad illi l-imhallfin li qatghu s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 urew il-fehma taghhom "dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha", kif jghid u jrid l-Artikolu 734(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex imhallef jista' jigi rikuzat. L-imhallfin li dwarhom tressqet l-eccezzjoni b'ebda mod ma urew il-fehma taghhom dwar jekk is-sentenza tistax jew le, f'dan l-istadju, tigi ritrattata – il-kwistjoni li hija l-meritu tal-eccezzjoni preliminari. Ma hemm xejn ghalhekk li jzommhom milli jisimghu u jiddeciedu fuq din l-eccezzjoni (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-provvediment moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2012 fil-kawza Bugeja v. Il-Prim Ministru et)."

Hekk miċħuda t-talba għar-rikuża, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) għaddiet sabiex trattat il-mertu tal-eċċezzjoni preliminari s-sollevata minn Sylvana Spiteri. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-istess eċċezzjoni u għalhekk għal darb'oħra rrinvijat l-atti lill-ewwel Qorti.

**Din l-azzjoni**

B'din l-azzjoni r-rikorrnet qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-proċeduri ta' ritrattazzjoni fl-ismijiet Dr. Patrick Spiteri vs. Sylvana Spiteri (Rik Ġur 55/2009) mogħtija mill-Qorti tal-Appell tilledi l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq sanċit taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta tnejn mill-Imħallfin li ddeċidew l-ewwel appell ppresedew ukoll fit-talba għal ritrattazzjoni.

L-intimata Spiteri eċċepiet numru ta' eċċezzjonijiet li ġew ġia trattati u deċiżi minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta' Novembru 2020. Din il-Qorti diversament presjeduta waslet għas-segwenti konklużjoniji:

"It-talba ewlenija tar-rikorrent hija mmirata għat-tħassir tas-sentenza li ċaħdet it-talba għar-ritrattazzjoni. Fl-ipotesi li din il-Qorti tilqa' din it-talba, il-Qorti tal-Appell kif komposta mill-ġdid b'imħallfin differenti tiddeċiedi jekk hemmx lok li titħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 (*in rescindente*) u, fil-każ affermattiv, tipproċedi biex tisma' dik il-kawża mill-ġdid (*in rescissorio*). B'danakollu, dik l-istess kawża ġiet abbandunata mir-rikorrent. Għalhekk ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi biex tinstama' mill-ġdid għaliex ir-rikorrent stess irrinunzja definittivament għaliha. Dan ikopri wkoll is-sentenza *in parte* li ngħatat fil-mertu, għaliex din hija wkoll parti mill-kawża. Altrimenti l-effett ikun li kawża "kostituzzjonali" tintuża' mhux biex jiġi rettifikat ksur ta' jedd fundamentali, imma biex jiġi miksur dritt fundamentali ieħor – dak li kawża tinqata' fi żmien raġonevoli - billi tiġi mminata u miġjuba fix-xejn is-sistema proċedurali ordinarja intiża biex il-kawżi ma jitwalux b'mod kważi infinit.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż a kariku tiegħu."

Fil-11 ta' Diċembru 2020 Patrick Spiteri appella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tas-17 ta' Marzu 2021 laqgħet l-appell, ħasret is-sentenza appellata u rinvijat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex jitkompla s-smigħ u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"20. L-ewwel aggravju jgħid hekk:

»… … … bis-sentenza appellata [l-ewwel qorti] ddeċidiet it-talbiet kollha tal-esponent filwaqt li fuq uħud minn dawk it-talbiet ma għamlet addirittura l-ebda kunsiderazzjoni. It-talbiet tal-esponenti fil-kawża odjerna kienu sabiex (i) tiddikjara li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant; (ii) tħassar u tirrexxindi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawża 55/09; u (iii) tagħti kull rimedju ieħor neċessarju biex tispurga l-vjolazzjoni. Issa fis-sentenza appellata jingħad hekk: "il-qorti sejra titratta l-punt jekk it-talbiet għat-tħassir tas-sentenza jew provvediment tar-rikuża u għat-tħassir tas-sentenza tar-ritrattazzjoni jistgħux isiru, tenut kont Ii

l-kawża ġiet deżerta, billi f'każ ta' eżitu negattiv ma jkunx il-każ Ii jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati". Huwa evidenti għalhekk li l-ewwel qorti kkunsidrat biss it-tieni talba tal-esponent, u *cioè* t-talba għat-tħassir tas-sentenzi msemmija, u bl-ebda mod ma kkunsidrat it-talbiet l-oħra. Sorprendentement però fid-*decide* tagħha l-ewwel qorti qabdet u ċaħdet it-talbiet kollha, meta fir-realtà kienet ikkunsidrat biss talba waħda. *Se mai* jekk l-ewwel qorti dehrilha li t-tieni talba ma setgħetx issir (ħaġa li hija ovvjament ikkontestata mill-appellant), għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza appellata, allura kellha tippronunzja ruħha b'dak il-mod fir-rigward ta' dik it-tieni talba biss. … … …«

21. Din il-qorti taqbel ma' dan l-argument tal-attur. Ukoll jekk ir-rimedju mitlub fit-tieni talba tassew ma jistax jingħata – bla ħsara, għalissa, għall-kwistjoni jekk dan hux minnu – ma huwiex eskluż li jista' jingħata rimedju ieħor kif mitlub fit-tielet talba, jekk jinstab il-ksur kif mitlub fl-ewwel talba. Għalhekk il-fatt li sabet li ma tistax tagħti r-rimedju mitlub fit-tieni talba ma kellux iżomm lill-ewwel qorti milli tqis it-talbiet l-oħra, ladarba dawn setgħu jagħtu utilità lill-attur.

22. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa'.

23. Fit-tieni aggravju mbagħad l-attur ikompli hekk:

»… … … il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti kienet … waħda żbaljata u l-prinċipji Ii jirregolaw l-istitut tad-deżerzjoni tal-kawżi ma kellhomx iwasslu għal dik il-konklużjoni. L-ewwel qorti għamlet rifless-joni fis-sens illi d-deżerzjoni hija l-estinzjoni tal-istanza ġudizzjali u toqtol il-proċediment ġudizzjarju. Din ir-riflessjoni però ma tfisser bl-ebda mod li kawża bħal dik odjerna ma tistax tirnexxi. Jekk id-deżerzjoni tekwivali għall-perenzjoni tal-istanza ġudizzjali allura jfisser biss li mad-deżerzjoni dik l-istanza ġudizzjali ġiet fi tmiemha. Proċedi-ment ġudizzjarju jiġi fi tmiemu jew billi jkun hemm deċiżjoni, jew billi jkun hemm id-deżerzjoni, jew billi l-attur iċedi l-kawża. Għandu jkun paċifiku illi l-fatt li kawża tiġi fi tmiemha qatt ma kien ta' ostakolu biex qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali tiddikjara Ii s-

sentenza mogħtija f'dik il-kawża hekk mitmuma llediet xi dritt fundamentali ta' waħda mill-partijiet. … … …«

24. Dan ukoll huwa minnu. Jekk seħħ ksur ta' drittijiet fundamentali – bla ħsara, f'dan l-istadju, għall-kwistjoni jekk seħħx jew le dak il-ksur – u l-mod kif jiġi rimedjat dak il-ksur hu billi jitħassar dikriet ta' kanċellament ta' kawża, qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandha s-setgħa tagħti dak ir-rimedju jekk rimedji oħra ma jkunux tajba u biżżejjed.

25. Tassew illi f'dan il-każ l-allegazzjoni hi li l-ksur seħħ bid-deċiżjoni fuq ir-rikuża u mhux bil-kanċellament, u għalhekk il-kanċellament ma għandux jitħassar ladarba ma hemm ebda allegazzjoni li kien bi ksur tad-drittijiet tal-attur; il-qorti iżda tqis illi jekk jinsab illi tassew is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 (dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża) ingħatat bi ksur tad-drittijiet tal-attur, dik is-sentenza ma tkunx tiswa, u konsegwentement ma tiswiex ukoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013, u l-proċedura ta' ritrattazzjoni jkollha tibda mill-ġdid. Jekk imbagħad tintlaqa' t-talba għal ritrattazzjoni, l-appell jerġa' jinstema', u jinqata' favur l-attur, ikun hemm sentenza finali li tiddikjara n-nullità taż-żwieġ u ma jkunx il-każ illi l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti, u f'dak il-każ il-kanċellament tal-kawża quddiem l-ewwel qorti ma kienx iseħħ – appuntu għax l-atti ma jkunux intbagħtu quddiem l-ewwel qorti – u għalhekk isir irrelevanti u ma jistax ikun ta' ħsara għall-attur.

26. Dan l-aggravju wkoll għalhekk għandu jintlaqa'."

Kien għalhekk li fis-17 ta' Marzu 2021 il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020 mogħtija fil-kawża odjerna minn din il-Qorti diversament presjeduta u l-atti ġew rinvjati lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni tar-Rikorrent**.

Il-kawża odjerna tirrigwarda allegat leżjoni ta' smigħ xieraq hekk meta żewġ Imħallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell ma irrikużawx ruħhom meta quddiemhom ġiet talba għal ritrattazjoni imsejsa fost oħrajn fuq l-Artikolu 811 (e), u dan meta kienu tnejn mill-Imħallfin li ddeċidew is-sentenza li tagħha r-rikorrent kien qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni.

L-**Artikolu 734** tal-Kapitolu 12 jelenka l-istanzi meta Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' minn rajh jastjeni milli jisma' kawża. Ta' relevanza fil-każ odjern – u fil-fatt huwa s-subinċiż li jagħmel referenza għalih ir-rikorrent – huwa s-subinċiż (d) (ii):

> "(d) [...] (ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*,"

Nonostante li tinstab din il-lista u nonostante li l-**Artikolu 733**[4] tal-Kapitolu 12 jagħti l-impressjoni li l-lista li tinstab fl-Artikolu 734 hija waħda eżawrijenti, kien hemm istanzi fejn il-ġudikanti ġew rikużati fuq raġunijiet oltre dawk imsemmija fil-liġi. Fost dawn l-istanzi insibu (a) **Lawrence Grech et vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 37/2015)[5] fejn l-Imħallef li kien qiegħed jisma' dik il-kawża kien president ta' għaqda li hija marbuta ma' istituzzjoni reliġjuża meta l-kawża kienet kontra dik l-istituzzjoni reliġjuża; u (b) **General Workers Union vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 33/2017)[6] fejn l-Imħallef li kienet qiegħda tisma' l-kawża għandha ħutha u qraba oħra jaħdmu fid-ditta legali li kienet

[4] "L-imħallfin ma jistgħux jiġu r-rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin."

[5] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 2017.

[6] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 2018.

qiegħda tirrappreżenta lil waħda mill-partijiet nonostante li din il-parti ma kinitx rappreżentata mill-qraba tal-Imħallef.

Fis-sentenza **Sandro Chetcuti vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 8/2003) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005 ġie dikjarat illi

> "Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vs Kummissarju tal-Pulizija** 2/4/90**; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et** 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** 1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita` ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun.
>
> [...] Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et filz-17 ta' Lulju 1996 (Kost)."

Għaldaqstant *a contrario* ta' dak eċċepiet mill-Avukat tal-Istat fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, hemm raġunijiet oħrajn serji u f'każijiet eċċezzjonali, li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża u m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa

maħsub biex iħares l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. In oltre l-aforisma "*justice must not only be done but must be seen to be done*" trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari.

***Allegat leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

It-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; [...]*". Artikolu 6 (2) tal-Konvenzjonali ukoll jipprovdi li t-Tribunal għandu jkun imparzjali u indipendenti: "*id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*"

Fil-kliem l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights, "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

Fil-pubblikazzjoni ***Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers*** (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti) insibu illi *'As to the requirement of impartiality in article 6 (1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, "the tribunal must be subjectively impartial", in that "no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias", and this personal "impartiality is presumed unless*

*there is evidence to the contrary". Secondly, "the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint", in that "it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Nadine Bonnici vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 67/2012) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Marzu 2013 (mhux appellata) ġie osservat illi:

> L-imparzjalita' ta' qorti skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, normalment tfisser nuqqas ta' pregudizzju jew bias; "*There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial: the first consists in seeking to determine a particular judge's personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect...... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified.*" (***Lindon Otchakovskylaurens and July v France*** deciza fit-22 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani)."[7]

L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.

[7] Ara wkoll (a) **Hauschildt v. Denmark** deċiża fl-24 ta' Mejju 1986 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani; (b) **Micallef v. Malta** deċiża fil-15 t'Ottubru 2009 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani; (ċ) **Joseph Borg et vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 22/2018) deċiża mill-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2019 u l-ġurisprudenza hemm ikwotata.

F'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli."[8]

Peremzz tal-ġurament tal-ħatra tiegħu il-ġudikant jiggarantixxi l-imparzjalità u l-indipendenza li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat ġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri.

***Imparzjalità soġġettiva u oġġettiva***

Fil-każ odjern ma jirriżulta li hemm ebda allegazzjoni diretta dwar parzjalita suġġettiva fis-sens ta' xi preġudizzju personali tal-Imħallfin sedenti fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell in eżami, u lanqas inġiebet xi prova f'dan is-sens. Isegwi li l-ilment tar-rikorrent huwa abbinat mal-imparzjalita oġġettiva tal-ġudikanti in kwistjoni.

Il-kawża odjerna tirrivolvi fuq il-fatt li l-Prim'Imħallef Silvio Camilleri u l-Imħallef Tonio Mallia ċaħdu t-talba għar-rikuża magħmula mir-rikorrent meta t-talba għar-ritrattazzjoni kienet imsejsa fost oħrajn fuq l-Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12.

[8] **Rosette Thake noe et v L-On. Prim' Ministru et** (Rik Kost 50/2016) deċiża mill-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Awwissu 2016.

Għalkemm l-Artikolu 814 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li "t-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati", il-Qrati nostrana tbegħdu minn dan l-artikolu fejn it-talba għal ritrattazzjoni tkun qiegħda ssir fuq l-Artikolu 811 (e) u ċioe meta t-talba ghal ritrattazzjoni tkun qiegħda ssir minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tiċċita s-segwenti ġurisprudenza:

a. **Frank Cachia vs. Onor. Prim Ministru et noe** (Rik Kost 298/1990) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 t'Ottubru 1991:

> "l-parti tal-artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn jinghad "u jistghu joqghodu l-istess imhallfin jew magistrati" in kwantu jirreferu ghall-kaz ta' ritrattazzjoni ta' kawza ghar-raguni illi "is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin" imsemmija fil-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-istess Kodici, hija inkonsistenti ma' dak li jiddisponi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali msemmi fl-Ewwel Skeda li hemm ma' l-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu jipprovdi ghall-imparzjalita` tat-tribunali msemmijin fl-istess artikolu".

b. **Leonard Muscat nomine et vs. Onor. Prim'Ministru et** (Rik Kost 508/1995) deċiża mill-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali fit-22 t'April 1997:

Il-petizzjoni għal ritrattazzjoni ġiet quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta b'tali mod li tnejn mill-Imħallfin kienu l-istess żewġ Imħallfin li taw is-sentenza tat-30 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet ***Dottor Carmelo Vella et v. Is-Segretarju tad-Djar et.*** Saret talba għar-rikuża ta' dawk l-Imħallfin iżda l-istess ġiet miċħuda. It-talba għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Jannar 1996. Nelfrattemp il-Każin tal-Banda ta' San Leonardo, Ħal Kirkop, kien fetaħ kawża kostituzzjonali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn b'sentenza tat-22 ta' April 1997 iddeċidiet li ċ-ċaħda tar-rikuża tal-Imħallfin (jew xi wħud minnhom) komponenti l-Qorti tal-Appell li tat is-sentenza tas-17 ta' Jannar 1996 kien jilledi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u għalhekk dik il-Qorti ordnat li l-kawża ta' ritrattazzjoni tiġi

rimessa lill-Qorti tal-Appell sabiex tiġi trattata u deċiża minn tliet Imħallfin li ma jkunux dawk li ddeċidew il-kawża tat-30 ta' Diċembru 1993. L-aħwa Vella appellaw dik is-sentenza, u l-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza tal-31 ta' Lulju 2000, laqgħet l-appell u rrevokat is-sentenza tal-Prim Awla tat-22 ta' April 1997.

Il-Każin ħa l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u b'deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **San Leonard Band Club v. Malta** (Appl 77562/01) iddecidiet hekk:

> *"60. As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. What is at stake is the confidence that the courts in a democratic society must inspire in the public (see Castillo Algar v. Spain, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45, and Morel, cited above, § 42). It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified (see Ferrantelli and Santangelo v. Italy, judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII).*
>
> *61. In the instant case, the concerns regarding the Court of Appeal's impartiality stemmed from the fact that its bench was composed of the same three judges who had previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgment of 30 December 1993.*
>
> *62. The Court accepts that that situation could raise doubts in the applicant company's mind about the impartiality of the Court of Appeal. However, it has to decide whether those doubts were objectively justified. The answer to this question depends on the circumstances of the case.*

*63. In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*

*64. The Court notes that the present case is distinguishable from that of Thomann, cited by the Government (see paragraph 52 above). In the latter case, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine their own alleged mistakes (p. 816, § 35). In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient.*

*65. These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified.*

*66. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1 of the Convention.*"[9]

c. Il-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Jannar 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Arcidiacono Ltd vs. Avukat Ġenerli et** (Rik Kost 739/2000) ċaħdet is-segwenti talbiet tas-soċjeta rikorrenti: (1) jiġi dikjarat illi l-Artikolu 814 tal-Kapitolu 12 meta jitħaddem ma' l-Artikolu 811(e) ta' l-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kien jilledi d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq, u (2) s-smigħ tat-talba għar-ritrattazzjoni (wara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell) mill-istess tlett Imħallfin li kienu ddeċidew il-kawża fl-appell

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.

(kawża bejn is-soċjeta Arcidiacono fuq naħa u l-konjuġi Arcidiacono fuq in-naħa l-oħra) kien ukoll jilledi d-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti Kostituzzjonali iżda fis-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru 2004 irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti "billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talba tas-socjeta` Arcidiacono Limited sabiex jigi dikjarat "illi l-artikolu 814 tal-Kap. 12 meta jithaddem ma' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jilledi d-drittijiet" ta' l-istess socjeta`, kif ukoll in kwantu cahdet it-talba ghal xi forma ta' kumpens, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok tiddikjara li s-smigh tat-talba ghar-ritrattazzjoni mill-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza tat-8 ta' Gunju, 1999 kien jivvjola d-dritt fondamentali tas-socjeta` appellanti ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u konsegwentement tordna li dik ir-ritrattazzjoni tinstema' minn tlett Imhallfin differenti."

Dan għamlitu wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Tista' tghid li sa Ottubru tal-1991 id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 814 tal-Kap. 12 kienet tigi interpretata li l-istess imhallfin li taw is-sentenza attakkata ghandhom jisimghu u jiddeciedu fuq it-talba ghar-ritrattazzjoni. Bis-sentenza ***Frank Cachia v. Onorevoli Prim Ministru noe et*** gie bazikament deciz ghall-ewwel darba li meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tkun imsejsa fuq il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, l-Imhallfin li jkunu taw is-sentenza attakkata ma jistghux, jekk jigu rikuzati, jibqghu jisimghu il-kaz tar-ritrattazzjoni. Jidher, pero`, li wara din is-sentenza nibtet il-biza' li min irid itawwal il-proceduri (per ezempju, biex ma johrogx minn post li minnu jkun gie ordnat jizgombra, jew biex ma jhallasx debitu) jista' jinqeda bil-paragrafu (e) tal-imsemmi Artikolu 811 fis-sens illi jitlob ir-ritrattazzjoni fuq l-icken pretest u, peress li jinvoka bhala bazi ghar-ritrattazzjoni l-imsemmi paragrafu, jikseb ri-ezami tal-kaz quddiem gudikant jew gudikanti differenti minn dawk li jkunu ddecidew l-appell b'tali mod li bhal speci jikseb forma ta' "appell" fit-tielet grad – grad ta' appell li mhux koncess fil-ligi taghna. Jidher li kien ghalhekk li sensiela ta' sentenzi

iddecidew li, meta r-ritrattazzjoni tkun qed tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Art. 811 imsemmi, u meta tintalab ir-rikuza tal-Imhallef jew Imhallfin, il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk, almenu *prima facie*, it-talba ghar-ritrattazzjoni tkunx verament a bazi tal-imsemmi paragrafu (e) qabel ma tintlaqa' l-eccezzjoni tar-rikuza. Hekk ukoll in effetti iddecidiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata tat-12 ta' Jannar, 2004.

Din il-Qorti, pero`, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li meta ritrattazzjoni tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, u meta parti – normalment ir-ritrattand – jirrikuza skond il-ligi lill-Imhallef jew Imhallfin li jkunu taw is-sentenza li tkun qed tigi attakkata, dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin bhala regola generali ma jistghux jipprocedu biex jezaminaw jekk il-bazi tar-ritrattazzjoni tkunx verament *prima facie* ibbazata fuq l-imsemmi paragrafu minghajr ma jigi lez l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Dan qed jinghad ghax, indipendentement mill-fondatezza o meno, *prima facie* jew mhux *prima facie*, tat-talba ghar-ritrattazzjoni, bil-fatt li dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin jghaddu biex jezaminaw "il-bazi tar-ritrattazzjoni" ikunu effettivament qed jezaminaw l-operat taghhom stess fir-rigward tas-sentenza li tkun qed tigi attakkata. Dan neccessarjament jista' inissel dubbju fondat, ossia legittimu w oggettivament gustifikabbli, f'mohh il-partijiet pero` forsi l-aktar f'mohh il-parti li tkun tat l-eccezzjoni tar-rikuza, dwar l-imparzjalita` oggettiva ta' l-istess Imhallef jew Imhallfin."

d. **Alpine Travel Ltd vs. Helen Schembri et** (Rik Kost 37/2004) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-4 t'Ottubru 2006 (mhux appellata):

"huwa llum stabbilit bhala principju li f'kazijiet fejn ikun hemm proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** ma jistghux jigu decizi mill-istess Imhallfin li jkunu ddecidew l-appell ghaliex ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta u din il-Qorti thoss li llum la darba hemm dawn id-dikjarazzjonijiet mill-Qrati nostrali u wkoll issa mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem huwa car li legalment lanqas huwa izjed possibbli li

l-istess gudikanti li ddecidew il-kaz jiddeciedu wkoll kawzi ta' ritrattazzjoni fuq l-istess kaz ibbazati fuq l-**artikolu 811 (e)** u dan abbinat ma' l-**artikolu 814.**

Illi din il-Qorti thoss li dan il-kaz jaqa' taht dawn ir-regoli u dan huwa indipendenti mill-fatt jekk intalbitx rikuza jew le u din il-Qorti thoss li abbazi tas-sentenza tal-Qorti Ewropea l-punt deciziv huwa li oggettivament jirrizulta li dak li giet mitluba taghmel l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza ta' ritrattazzjoni, ladarba din hija bbazata fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12,** huwa sabiex *"in the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient"*, u ladarba huwa hekk, *"these circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified".*"

e. Fis-sentenza bl-ismijiet **Carmelo Borg et vs. Direttur Ġenerali (Qrati) et** (Rik Kost 1/2016) mogħtija mill-Qorti Kostituzjonali fil-11 t'April 2017 ġie dikjarat , wara li għamlet riferenza għall-ġurisprudenza tal-qrati Maltin u l-Qorti Ewropea, :

"Din il-Qorti tifhem li minn ezami ta' diversi sentenzi huwa stabbilit bhala principju li f'kazijiet fejn ikun hemm proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 ma jistghux jigu decizi mill-istess Imhallfin li jkunu ddecidew l-appell ghaliex ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti kienet osservat li ma jistax gudikant jidher li huwa oggettivament imparzjali meta jigi biex jikkonsidra talba li hu jkun, f'sentenza tieghu, applika l-ligi hazin."

Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet ukoll referenza għal ġurisprudenza mogħtija mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet **Jurgen Binder v. Ġermanja** (Appl 44455/2007) mogħtija fl-20 ta' Settembru 2011. F'dik is-sentenza intqal hekk:

"*The Court observes at the outset that fears as to the lack of impartiality of judges at a court of appeal may be objectively justified where appeal court judges had already previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgment and were therefore called upon to decide whether or not they themselves had committed* ***an error of legal interpretation or on their ability to apply the law*** *(see Oberschlick v Austria (no. 1), 23 May 1991, §50-52, Series A no. 204; De Haan v. the Netherlands, 26 August 1997, §51, Reports of Judgments and Decisions 19970IV; and San Leonard Band Club v. Malta, no 7562/01, §61-66, ECHR 2004-IX; see also, mutatis mutandis, Kayasu v. Turkey, nos. 64119/00 and 76292/01, §12, 13 November 2008)*".

Ikkunsidrat;

Minn dan l-insenjament jirriżulta li dwar is-suġġett in diżamina llum il-ġurnata l-ġurisprudenza hija waħda konsistenti, fis-sens illi ġudikant ma jkunx oġġettivament imparzjali meta jiġi biex jikkonsidra talba għal ritrattazzjoni msejsa fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi ta' sentenza mogħtija mill-istess ġudikant.

Għaldaqstant meta jkun hemm allegazzjoni li f'sentenza kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi ai termini tal-Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12, m'għandhomx ikunu l-istess ġudikanti li ppronunzjaw is-sentenza attakkata li jikkonsidraw ukoll it-talba għal ritrattazzjoni.

Fil-każ odjern ir-rikorrent ressaq it-talba għal ritrattazzjoni fost oħrajn imsejsa fuq l-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12. Għal kull buon fini jiġi preċiżat li m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li teżamina l-fatti li wasslu għat-talba għar-ritrattazzjoni u dan għaliex din il-Qorti m' hijiex appell tat-tielet grad. Isegwi wkoll li mhix ser teżamina jekk it-talba għar-ritrattazzjoni hix fondata jew jekk humiex sodisfatti l-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza applikabbli għas-subinċiż imsemmi, jew jekk tistax jew għandhiex tintalab ir-revoka tas-sentenza tal-ewwel Qorti jew tal-appell. Dawn huma kollha mertu tar-ritrattazzjoni.

Il-Qorti pero' ma tarax li hemm raġunijiet għalfejn għandha tiddipartixxi mill-insenjament hawn fuq kwotat. Il-fatt waħdu li l-Qorti ritrattandi kellha tiddeċiedi eċċezzjoni preliminari qabel tgħaddi għal mertu tat-talba m'għandu jkun ta' l-ebda xkil sabiex jiġi applikat it-tagħlim hawn fuq kwotat u dan stante li t-talba ta' ritrattazzjoni saret *sic et simpliciter* fuq l-Artikolu 811 (e). Dak li jsegwi dik il-petizzjoni għandu jiġi meqjus minn Imħallfin kompletament differenti minn dawk li diġa jkunu interprettaw il-liġi u taw il-fehmiet tagħhom fuq l-istess.

**Għaldaqstant din il-Qorti qed issib li fil-każ odjern seħħet leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif protetti bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta wara talba għal ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq l-aggravju li ġiet applikata il-liġi ħażin, dik it-talba għal ritrattazzjoni ġiet mismugħa u deċiża mill-Qorti tal-Appell fejn tnejn mill-imħallfin li kkomponewha kienu l-istess żewġ imħallfin formanti parti mill-komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell li ppronunzjat is-sentenza attakkata**.

**Rimedju**

Fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti "thassar u tirrexxindi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawza numru 55/09 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* u tibghat l-atti lir-Registratur biex jiġu assenjati lill-Qorti tal-Appell diversament komposta". Kif rajna supra din it-talba diġa kienet soġġetta għal deċiżjoni minn din il-Qorti kif diversament preseduta fejn fl-24 ta' Novembru 2020 għaddiet sabiex ċaħdet dik it-talba flimkien mat-talbiet l-oħra. Pero ir-rikorrent kien appella minn dik is-sentenza u l-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, laqgħet it-tieni aggravvju tar-rikorrent u spjegat li:

> "25. [...] jekk jinsab illi tassew is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 (dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża) ingħatat bi ksur tad-drittijiet tal-attur, dik is-sentenza ma tkunx tiswa, u konsegwentement ma tiswiex ukoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013, u l-proċedura ta' ritrattazzjoni jkollha tibda mill-ġdid. Jekk imbagħad tintlaqa' t-talba għal ritrattazzjoni, l-appell jerġa'

jinstema', u jinqata' favur l-attur, ikun hemm sentenza finali li tiddikjara n-nullità taż-żwieġ u ma jkunx il-każ illi l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti, u f'dak il-każ il-kanċellament tal-kawża quddiem l-ewwel qorti ma kienx iseħħ – appuntu għax l-atti ma jkunux intbagħtu quddiem l-ewwel qorti – u għalhekk isir irrelevanti u ma jistax ikun ta' ħsara għall-attur."

Hekk li din il-Qorti sabet li bid-digriet tat-30 ta' Novembru 2012 kien hemm leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq, ifisser għalhekk skont il-konsiderazzjoni magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali hawn kwotata, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 ma tiswix u l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha terġa tibda mill-bidu.

Jekk it-talba ta' ritrattazzjoni tintlaqa u jinqata' favur ir-rikorrent, ikun hemm sentenza finali li tiddikjara n-nullita taż-żwieġ u jekk it-talba ta' ritrattazzjoni ma tintlaqax jew it-talba ta' ritrattazjoni tintlaqa' iżda l-mertu ma jiġix deċiż favur ir-rikorrent, is-sitwazzjoni ha tibqa' kif inhi llum u mhux ser ikun hemm lok fejn il-każ jiġi rinvjat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan peress li l-proċeduri quddiem l-imsemmija Qorti llum il-ġurnata huma kanċellati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-intimata Sylvana Spiteri,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi bil-fatt li l-proċeduri ta' ritrattazzjoni numru 55/2009 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* instemgħu mill-Qorti tal-Appell li fil-kompożizzjoni tagħha kienet tinkludi tnejn mit-tliet Imħallfin li bis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 kienu ippronunzjaw is-sentenza li tagħha kienet qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, seħħ ksur u vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Konsegwentement, tilqa' t-tieni talba u tħassar u tirrexxindi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju

2013 fil-kawża numru 55/09 fl-ismijiet *Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri* u tibgħat l-atti lir-Reġistratur sabiex l-atti jiġu assenjati lill-Imħallfin differenti;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba in vista li r-rimedju mogħti – bl-ilqugħ tat-tieni talba – huwa wieħed xieraq.

Spejjeż kontra l-intimat Avukat tal-Istat.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 t'April 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**